# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

## Il-Pulizija
## [Spettur Nicholas Vella]
## [Spt Mark Mercieca]

## vs

## Roderick Tabone

**Kumpilazzjoni Numru: 698/15**

**Illum, 20 ta' Awwissu, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Roderick Tabone tal-karta tal-identita' bin-numru 517387(M).

Akkuzat talli fid-19 ta' Awwissu 2015 u/jew fil-granet ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer:

> Ikkommetta serq minn fuq il-bajja ta' Ghajn Tuffieha fil-limiti tal-Imgarr ghad-detriment ta' Andrea Kopacikova u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, ta' aktar minn 232.94 Ewro izda anqas minn 2329.37Ewro (Art 267 ta' Kap 9)
>
> Talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom (Art 334 ta' Kap 9)
>
> Talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi malli sar jaf li l-haga li kienet fil-pussess teighu kienet haga misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt (Art 334A ta' Kap 9)
>
> Talli ghamel reat iehor wara li kien gie kkundannat ghal reat ta' serq b'sentenza datata 7 ta' Ottubru 2013 mahruga mill-Magistrat Dr E Grima

LL.D. liema sentenza saret definittiva,b'hekk gab ruhu recidiv (Art 289 Kap 9)

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 267. 334, 334A u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu u statne li l-imputat ghandu problema ta' droga li ghandu bzonn jindirizza u stante li huwa kkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni, ssib lill-imputat **Roderick Tabone** hati tal-akkuzzi kif dedotti kontrih u minflok tinfliggi piena tpoggih taht "Probation Order" taht l-Artikolu 7 Kap 446 ghal zmien tliet (3) snin millum.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**